

mill-Komm. Simon A. Bonello President Onorarju

# Il-Floriana fiż-Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija

**Il-Maltin sofrew ħafna matul it-Tieni Gwerra Dinjija minħabba bombi, imwiet, mard, ġuħ u nuqqasijiet ta' bżonnijiet bażici. Il-Furjaniżi sofrew aktar minn ċerti bliet u rħula oħra Maltin minħabba li tinsab fuq ilsien ta' art (peninsula) bejn żewg portijiet, jiġifieri l-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett. Din il-pożiżżjoni għamlet lil din il-belt waħda mill-miriet tal-għadu li ġab ħafna gwaj liċ-ċittadini tagħha.**

Il-Port il-Kbir bħall-Ajruport ta' Ħal-Luqa kienu l-miri qawwija mill-ajru ta' l-ajruplani Ġermaniżi u Taljani. L-inkwiet serjissimu beda meta d-dittatur Taljan Benito Mussolini ddikjara gwerra kontra l-Gran Brittanja u Franza nhar l-10 ta' Ġunju 1940. Propju l-għada bdew l-attakki mill-ajru. Niftakar li flok il-mama qajmitni bħas-soltu biex immur l-iskola qajmitni minħabba l-ewwel ħbit mill-ajru (air raid) fuq Malta. Konna morna nistkennu, minngħalina sewwa, taħt blata ta' wieħed mill-bibien tad-dar, għax hekk kienu qalulna xi periti - kemm kienu żbaljati, kieku ġiet bomba mhux il-blata biss kienet ittir iżda aħna bid-dar b'kollox.

L-għadu ried jeqred id-Dockyard u kull bastiment tan-Navy Brittanika kif ukoll ta' bastimenti li kienu jaslu bi proviżjonijiet għall-poplu Malti u għas-Servizzi Brittaniċi. L-ajruplani tal-għadu kemm-il darba kien ikollhom mira ħażina jew minħabba l-biża' tal-kanuni ta' l-Alleati, ħafna minnhom operati minn suldati Maltin, jew biex jeħilsu malajr u jirritornaw lura lejn il-bażijiet tagħhom fi Sqallija. Ir-riżultat kien ikun li ħafna bombi kienu jispiċċaw fuq il-Floriana, il-Valletta u t-Tlett Ibliet (Vittoriosa, Senglea, Cospicua).

Barra minn hekk, hafna drabi l-ajruplani Taljani u Ġermaniżi kienu jiġu apposta biex jibbumbardjaw postijiet fil-Floriana bħal meta twaqqgħet il-knisja ta' San Publju.

Barra twaqqigħ ta' bini u toroq li iġarrbu ħsarat kbar, l-aktar ħaġa ta' niket kienet li numru konsiderevoli ta' ċittadini ċivili Furjaniżi tilfu ħajjithom żgur bla ħtija. Lapida ta' rħam bi skultura tal-bronz fuqha li turi xena tal-gwerra u tal-knisja ta' San Publju tinsab imwaħħla mal-ġenb tan-naħa ta' Balzunetta tal-Knisja Arcipretali ta' San Publju.

Kull 28 ta' April jitpoġġew b'sinjal ta'rikonoxximent u rispett kuruni mill-Kunsill Lokali tal-Floriana u mill-Floriana Senior Citizens barra li jsir talb immexxi mill-Arcipriet. Fuq din il-lapida, jew aħjar memorjal, jidhru l-ismijiet ta' 66 persuna Furjaniża. Dan il-memorjal kien inkixef mill-E.T. Monsinju Arcisqof Metropolita Mons. Sir Mikiel Gonzi nhar il-Festa ta' San Publju tat-28 ta' April ta' 1974 wara li ntemm il-Pontifikal fil-knisja arċipretali.



28ta' April 1942
fis-7.50a.m.



Barra dawk il-persuni li isimhom jidher fuq il-memorjal mietu Furjaniżi oħra mhux direttament minħabba l-bombi fuq pajjiżna jew għax tilfu ħajjithom meta kienu jbaħħru fuq bastiment tal-gwerra, iżda minhabba nuqqasijiet ta' ħwejjeġ bażici bġal sustanzi, medicini adegwati u kura li ma kinitx żgur bħal ma hija dik kif nafuha llum. Waħda minn dawn il-vittmi kienet oħti Evarista, li mietet fis-7 ta' Mejju 1942 fl-eta' pjuttost tenera ta' 17-il sena, disat ijiem biss wara li waqgħet il-knisja ta' San Publju. Il-Gran Brittanja ma kinitx tidher, almenu fil-każ ta' Malta ppreparata tajjeb biex tilqa' l-isfida tal-gwerra mill-Ġermanja u ftit wara mill-Italja. Tant kien hekk li d-difiża tar-Royal Air Force kienet magħmula biss minn erba' ajruplani tat-tip Gladiator biex jeħduha kontra dawk ta' l-għadu. Il-gwerra f'Malta bdiet meta l-Italja ddikjarat gwerra fl-1940 u hawn beda l-biża' tal-Maltin naturalment għax Malta kienet biss 60 mil 'il bogħod minn Sqallija. Fil-fatt l-ewwel attakki ġew mir-Regia Aeronautica (il-forza tal-ajru Taljana).

Ilqugħ (shelters) fil-blat ma kinux jeżistu fil-bidu tal-gwerra; dawn bdew jitħaffru wara li kienu ġa ġew irrappurtati numru ta' mwiet. Kien hawn xi ftit ilqgġu fuq l-art kontra t-tfiħ mill-ajru tal-gass li qatt ma gara. Wieħed minn dawk l-ilqugħ kien jinsab fil-limiti tal-Floriana, ftit barra l-Bieb tal-Bombi.

Fortunatament fil-Floriana kellna l-Mina tal-Vapur ta' l-Art (il-ferrovija) li kienet tgħaddi matul il-fosos man-naħa tal-Mall sa mal-ġenb tal-Bieb tal-Bombi. Naturalment ħafna Furjaniżi kien jsibu l-kenn fiha waqt ħbit mill-ajru iżda dan ma kiex faċilment possibbli għal dawk li kienu joqogħdu n-naħa ta' isfel tal-Floriana bħal Wara is-Sur. Din il-Mina bdiet isservi wkoll biex tilqa' fiha refjuġati Maltin barra mill-Floriana likienu jitilfu djarhom speċjalment mill-Kottoniera.

Wara l-ewwel xokkijiet il-Gvern Kolonjali beda jħaffer l-ilqugħ (shelters) f'diversi partijiet ta' beltna, wieħed minnhom kien bejn l-Iskola Primarja u l-Kannirja tal-Knisja ta' San Publju.

Il-Floriana għaddiet minn ħafna perikli. Wieħed minn dawn kien meta l-vapur Talbot fil-Port il-Kbir mgħobbi bi splossivi beda jaqbad u kien hemm periklu ta' splużjoni kbira li kienet taffettwa, fost lokalitajiet oħra, il-Floriana tant li l-awtoritajiet ordnaw lir-residenti Furjaniżi tan-naħat li jagħtu għal fuq il-port, biex jigu immedjatament evakwati għal postjiet oħra fuq in-naħa ta' fuq tal-Floriana. Kif wieħed stenna dan qajjem paniku kbir fost il-popolazzjoni Furjaniża. Fortunatament l-isplużjoni mistennija ma seħħitx u allura dawk evakwati rritornaw lura lejn djarhom.

Fl-1 ta' Marzu 1942 attakk fuq in-naħa ta' isfel tal-Floriana ħalla 20 mejta, 26 feruti serjament u 23 oħra feruti iżda mhux konsiderati gravi barra naturalment tiġrif ta' bini. Fil-5 ta' April 1942 ntlaqtu l-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini tas-Salib Imqaddes u l-Kunvent ta' ħdejha u f'dan il-ħbit mietu Patri Klement u Ġużeppi Borg li kien jagħmel xogħol ta' seftur fl-istess kunvent. Il-knisja tal-Kappuċċini ġġarfet tista' tgħid għal kollox tant li ma setgħetx tibqa' tintuża. Meta spiċċat il-Gwerra bdew isiru tħejjijiet biex il-knisja tinbena mill-ġdid, kif fil-fatt sar, u llum dan it-tempju huwa ħafna isbaħ minn dak ta' qabel. Il-ħsarat tal-kunvent kienu kbar għalkemm ma waqax kollu, tant li l-patrijiet kollha kellhom ta' bilfors isibu kenn f'postjiet oħra, anke barra mill-Floriana. Ftit ġranet wara misset ix-xorti ħażina lil-knisja ta' San Publju. Kien fit-tmienja neqsin kwart tat-28 ta' April 1942 meta skwadra ta' ajruplani tal-għadu ġiet b'intenzjoni speċifika biex teqred għal kollox dan it-tempju maestuż wieħed mill-akbar u mill-aktar imponenti fil-Gżejjer Maltin.



Tnejn kienu r-raġunijiet għal dak l-attakk. Waħda għax il-knisja ta' San Publju ħasbuha l-Konkatidral ta' San Ġwann tal-Valletta. Skond spiji dan (il-konkatidral) kellu ħażna ta' qamħ fil-kuriduri tiegħu u biex tkompli l-fosos tal-qamħ kienu propju quddiem l-istess knisja L-oħħra għaliex ħdejn San Publju kien ikun hemm ipparkjati karozzi tas-servizz li taw lill-għadu x'jaħseb li l-bini ta' ħdejn fejn kienu jkunu, illum il-Middlesea Insurance, kien xi tip ta' head quarters militari, iżda fil-fatt kien mess tal- fizzjali. Skond rapporti minn nies li ma daħlux f'xi xelter, il-kap ta' l-iskwadra ta' l-ajru għamel bid-duħħan ħierġ mill-ajruplan tiegħu forma ta' ċirku biex wieħed b'wieħed mill-ajruplani bdew jitfgħu l-bombi fuq il-knisja li allura ntlaqtet kemm-il darba fl-istess ħbit. Waħda mill-bombi laqtet il-koppla sabiħa li kienet tlestiet mill-pittura b'konsegwenza li l-ġebel baqa' nieżel fuq l-altar maġġur, rigal sabiħ ta' Monsinjur Franġisku Mallia, ex Arċipriet. Il-kanċell ta' madwar il-presbiterju spiċċa biċċiet. Sfronda l-presbiterju u kollox spiċċa fil-kannirja ta' taħt fejn mietu tlettax u ħdax sfaw feruti gravi. Fost il-mejtin kien hemm Dun Pawl Portelli, membru ħabrieki u popolari tal-kleru tal-Floriana.



Pjazza Sant' Anna Bl-Iljun fin - nofs

Kieku l-attakk mill-ajru sar nofs siegħa qabel, in-numru ta' vittmi kien ikun ikbar, dan għaliex ħafna kienu jmorru jqattgħu l-lejl fil-kannirja li magħha kien hemm xelter fil-blat, għalkemm mhux kullħadd kien jinżel fiħ. Fortunatament ħafna leħqu marru jew lejn djarhom jew ghax-xoghol. Erba' persuni oħra tilfu ħajjithom fil-passaġġ ta' bejn il-kappellun tar-Rużarju u s-Sagrestija. Mietu bil-blast ta' l-isplużjonijiet. Ftit wara fuq ir-radju Taljan tħabbar bil-Malti minn persuna traditura Maltija li l-ajruplani ta' l-Axis (kif kienet magħrufa l-alleanza tal-Ġermanja ma' l-Italja) waqqgħu l-kattidral tal-Valletta li kien mimli qamħ, konferma li l-knisja ta' San Publju ħasbuha il-Kon Kattidral ta' San Gwann.

L-Arċipriet Dun Angelo Ghigo, imbikkem kif kien ttrasporta is-Sagrament Imqaddes lejn il-knisja ta' Sarria li minn dak il-ħin saret il-Parroċċa ta' Floriana. Ironikament filwaqt li Sarria ma saritx parroċċa kif xtaq il-Grand Mastru Vilhena minħabba li l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien oppona, hija saret parroċċa bil-ħidma kiefra tal-għadu Ġermaniż.



*Triq il-Miratur*

L-Italja ċediet fit-8 ta' Settembru 1943. Festa tat-Twelid tal-Madonna (Maria Bambina). Anke l-Assedju tal-1565 intemm fil-Festa tal-Bambina. Dawn id-dati kienu koinċidenza jew intervent mis-Sema? Għalkemm il-Ġermanja ma kinitx għadha ċediet għal Malta t-Tieni Gwerra Dinjijja kienet spiċċat għax l-ajruplanni tal-għadu kienu jittajru minn Sqallija. Ta' min jgħid li l-Floriana kellha x'taqsam mal-invażjoni ta' Sqallija. Niftakar li numru kbir ta' armamenti telqu mill-Floriana

Parade Ground (kif kien jisimha qabel saret l-Arena ta' l-Indipendeza), għaddew minn Triq Sant'Anna fi triqthom għall-Port il-Kbir minn fejn ġew mgħobbija fuq vapuri ta' l-iżbark (landing barges) biex ittiehdu lejn Sqallija fejn ingħaqdu ma' forzi oħra alleati.

Fl-1944 parti mill-knisja ta' San Publju ġiet irranġata billi ttellgħu ħitan li sseparaw taħt fejn kienet il-koppla, il-kor, il-kappelluni, u ż-żewg kappelli tas-Sacro Cuor u ta' San Gużepp mill-kumplament. B'hekk tħallew għall-użu l-korsija, in-navi u l-kontra navi. Is-Sagrament ġie solennement trasportat minn Sarria għall-knisja ta' San Publju biex mill-ġdid bdiet taqdi d-dmirijiet ta' parroċċa. Is-sena 1944 kienet timmarka l-ewwel ċentinarju minn mindu l-Floriana saret parroċċa, madankollu, iċ-ċelebrazzjonijiet minħabba diversi raġunijiet tħallew għas-sena 1945, meta l-istatwa ta' San Publju reġgħet daret mat-toroq tal-Floriana wara nuqqas ta' sitt snin fost briju kbir.



Memorjal Inkixef Nhar 28ta' April 1974